MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 850/2002

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**DCC Devco Limited (debitur principali) u Cloister's Walk Limited u William Caruana (garanti solidali mal-imsemmija socjeta' debitrici u bejniethom).**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta DCC Devco Limited hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont globali ta' hamsin elf tliet mija u

sbatax-il lira u erbatax-il centezmu (LM50,317.14c0) oltre l-imghax mis-27 ta' April 2002 dovut lill-istess Bank kif jinghad hawn taht;

a. Ghoxrin elf mija u hamsa u hamsin lira u sitta u ghoxrin centezmu (LM20,155,26c0) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal sbatax-il elf mitejn u tnejn u erbghin lira u sitta u hamsin centezmu (LM17,242.56c0) bilanc ta' "Loan Account" bin-numru 033-77132-300 u r-rimanenti elfejn disa' mija u tnax-il lira u sebghin centezmu (LM2,912.70c0) bhala imghax fuq l-istess "Loan Account" mit-2 ta' Lulju 1996 sas-26 ta' April 2002 kif jirrizulta mill-Istatement anness bhala Dok A, oltre l-imghax mis-27 ta' April 2002 sad-data tal-pagament effettiv; u

b. Tletin elf mija u wiehed u sittin lira u tmienja u tmenin centezmu (LM30,161.88c0) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal disa' u ghoxrin elf, disa' mija u seba' u disghin lira u wiehed u hamsin centezmu (LM29,997.51c0) bhala bilanc fuq "Overdraft Account" bin-numru 033-077132-001 u r-rimanenti mija u erba' u sittin lira u sebgha u tletin centezmu (LM164.37c0) bhala imghax fuq l-istess "Overdraft Account" mit-2 ta' Lulju 1996 sas-26 ta' April 2002 kif jirrizulta mill-Istatement anness bhala Dok B, oltre l-imghax mis-27 ta' April 2002 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi s-socjeta' konvenuta Cloister's Walk Limited ikkostitwiet ruhha garanti solidali mal-kumpanija debitrici DCC Devco Limited u mal-garanti l-iehor favur l-istess Bank tas-somma ta' hamsin elf lira (LM50,000) skond iskrizzjoni ipotekarja numru 10291/96 iskritta wara kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Attard tas-27 ta' Gunju 1996 (Dok. C), oltre l-imghax skond l-istess kuntratt;

Illi l-konvenut William Caruana ikkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-kumpanija debitrici DCC Devco Limited u mal-garanti l-ohra favur l-istess Bank skond zewg Guarantee Forms Dok. D u E ghal ammont akbar mil-bilanc dovut;

Illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati biex ihallsu, baqghu inadempjenti.

Illi l-kreditu tal-Bank huwa cert, likwidu u ezewgwibbli.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta DCC Devco Limited bhala debitur principali u lil Cloisters Walk Limited u William Caruana bhala garanti solidali li thallas lill-istess Bank attur is-somma globali ta' LM50,317.14c0 fuq imsemmija oltre l-imghax mis-27 ta' April 2002, dovuta kif qabel spjegat.

B'dan pero illi s-socjeta' konvenuta Cloister's Walk Limited tkun tenuta li thallas lill-istess Bank attur is-somma ta' LM50,000, oltre l-imghax mis-6 ta' Mejju 2002, dovuti kif qabel spjegat.

Bl-ispejjez konprizi dawk tal-ittri interpellatorji u tas-sekwestri kawtelatorji kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa mill-P.L. Jonathan De Maria I.D. 367569(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet pprezentata fl-4 ta' Dicembru, 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici kif impostata hija

irritwali u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tikkundanna lill-eccipjenti jhallsu ammonti minghajr dikjarazzjoni precedenti li l-istess eccipjenti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammonti indikati minnha.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta’ attrici li ggib il-prova li l-garanzija moghtija mill-eccipjenti favur is-socjeta’ debitrici principali giet reza ezegwibbli ai termini ta’ l-istess garanzija.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta’ attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma kkostitwiex ruhu garanti solidali mal-konvenuti l-ohra ghad-debitu tas-socjeta’ konvenuta DCC Devco Limited, u dan ghall-kuntrarju ta’ dak premess mis-socjeta’ attrici.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti m’ghandux ikun ikkundannat ihallas id-debitu tas-socjeta’ DCC Devco Limited u m’ghandux isofri spejjez kemm il-darba l-istess socjeta’ thallas hi d-debitu li jirrizulta.

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta’ attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta’ Cloisters Walk Limited ma kkostitwietx ruhha garanti solidali mas-socjeta’ konvenuta DCC Devco Limited, u dan ghall-kuntrarju ta’ dak premess mis-socjeta’ attrici.

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti pretizi minghand l-eccipjenti qeghdin jigu kontestati.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti l-ohra ma ppresentawx nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqgghu kontumaci skond il-Ligi.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi l-konvenut Caruana ma ressaqx provi ghalkemm ipprezenta nota tal-eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-Qorti ma tistax tikkundannah ihallas l-ammont mitlub fic-citazzjoni minghajr dikjarazzjoni li hu fil-fatt debitur tal-bank attur.

Din il-Qorti gia' kellha okkazjoni tikkumenta li l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn ikollha tiddikjara debitu qabel tikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont li jirrizulta dovut (Ara s-sentenza parzjali Astra Limited vs Bank of Valletta deciza din is-sena stess). Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Kwantu ghall-eccezzjonijiet l-ohra mid-dokumenti esebiti mill-bank attur jidher car li ma ghandhomx jigu akkolti; infatti l-garanzija a Fol 16 tindika car li din saret u n-nota ipotekarja esebita tikkonferma sija d-dejn u sija l-garanzija.

Illi l-prova prodotta mill-attur fir-rigward tal-ammont dovut ma gietx kontradetta.

**Il-Qorti ghalhekk, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Caruana, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta DCC Devco Limited bhala debitrici principali u l-konvenuti Cloisters Walk Limited u William**

**Caruana ihallsu lill-bank attur is-somma ta' hamsin elf, tlett mija u sbatax il-lira u erbatax il-centezmu (Lm50,317.14c) u imghaxijiet mis-6 ta' Mejju, 2002 sal-**

**pagament effettiv; bl-ispejjes jigu sapportati kollha mill-istess konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------